MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 9 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 18**

**It-Tnejn, 11 ta' Mejju, 2020**

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' on-line minflok fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19 fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| IS-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is-Sa Courtney Farrugia Kunsillier

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Michael Mifsud Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 18.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

F'din il-laqgħa ma kiex hemm ittri ta' apoloġija

## 18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.

## 18.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti

Minuti tas-17 –il laqgħa ġew approvati unanimament

## 18.2.2 Korrezzjonijiet

**18.2.2.1** Minuta 17.3.2.2- titneħħa l-kelma "Triq" minn quddiem Romeo Romano u titpoġġa "Ġnien" minflok.
Minuta 17.7.1 – titneħħa l-frażi "ġie sospiż"
Minuta 17.10 – wara 47, "Triq Emmanuel Attard" flok "Triq Carini"

## 18.3 Punti mqajma mill-minuti

18.3.1 **Minuti 17.3.2.2** – Is-Sindku talab lil Dott.Carabott jelabora fuq proposta li jrid ikun proġett sostenibbli u li jippromovi enerġija sostenibbli. Il-Kunsill Lokali jista' jibbenifika minn fond ta' €60k. Dott. Carabott informa lill-membri li ser iressaq rapport fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

Dott Carabott tkellem ukoll fuq il-ħtieġa sabiex isir rilokazzjoni tas-siġar li hemm fi triq il-Kbira San Ġużepp quddiem l-Akwadott sabiex b'hekk isiru siġar ġodda. Is-Sindku informa lil Dott Carabott li kif kien tenna fl' laqgħat preċedenti, li hemm il-ħsieb li hemm isir progett billi jinbidlu l-bankini u għaldaqstant dan ix-xogħol ikun jista' jsir meta jsir dan il-proġett.

Is-Sindku informa lill-membri li fuq arbli dekorattivi u planters fi Ġnien Romeo Romano, Misraħ Santa Venera u Triq il-Ferrovija, il-Kunsill Lokali kien għadu qed jistenna il-kwotazzjonijiet għaliex minħabba din is-sitwazzjoni tal-COVID19 għadna ma rċivejna xejn mingħand is-*suppliers*. Filfrattemp, intalbu ukoll kwotazzjonijiet fuq arblu dekorattiv solari bil-planters imqabbdin miegħu, bil-pjanti jissaqqew b'sistema ta' irrigazzjoni.

Wara diskussjoni s-Sindku informa lill-membri li ser jikkonsulta mal-Ministru sabiex insibu alternattiva biex dawn il-flejjes jibbenifika minnhom issa.

18.3.2 **Minuta 17.5.3** – Is-Sindku informa lill-membri li tkellem mal-AKL dwar l-ismart bins fejn ġie nfurmat li l-AKL ippreżenta rapport lill-Gvern għal possibilta li l-ismart bins jiġu nstallati taħt l-art u għadaqstant sakemm isiru l-istudji kollha dan ser jibqa' pendenti.

### 18.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

**18.4.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Gordon Bugeja sabiex jinfurmana li ser titwaħħal ELV charger fi Triq il-Kanun fejn kien hemn qbil unanimu sabiex tkun installata fejn kien diġa ddeċieda l-istess Kunsill fil-leġiżlatura preċedenti.

**18.4.2** Is-Sindku nforma lill-membri dwar is-sitwazzjoni ta' Tirq Ċikku Portanier fejn f'Jannar, Frar u Marzu kien għadda korrispondenza mibdula mal-BRO. Wara diskussjoni kien hemm qbil sabiex jinġiebu d-dettlaji tal-applikant sabiex il-Kunsill b'permezz tal-avukat tiegħu jibgħat ittra legali.

### 18.5 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera

**18.5.1** Is-Sur Joe Vella rrimarka li xhur ilu f'xi lokalitajiet gew introdotti l-pulizija tal-Komunita u staqsa jekk il-Kunsill Lokali għandux xi infomazzjoni meta dawn se jiġu ntrodotti fil-lokalita ta' Sta.Venera.

Is-Sindku nfurmah li ma jafx meta dawn il-pulizija ser ikunu ntrodotti f'Santa Venera pero nfurmah li din il-materja kienet diġa ġiet diskussa fil-laqgħa ta' kull xahar.

**18.5.2** Is-Sur Vella staqsa fuq l-applikazzjoni li kellha ssir ma' TM fuq Trejqet Fleur de Lys rigward tabelli *'Except for Authorised Vehicles'*.

Is-Sindku qal li din l-applikazzjoni saret iżda l-Kunsill għadu qed jistenna risposta minn TM.

**18.5.3** Is-Sur Joe Vella talab sabiex ikun infurmat jekk kienx hemm żviluppi rigward il-Credit Note li l-Kunsill għandu jieħu mingħand MP&DC.

Is-Sindku rrimarka li l-Avukat tal-Kunsill kien infurmah li tista' tinfetaħ kawża l-qorti imma jidher li l-kumpnaija in kwistjoni għandha diversi kredituri oħra li għandhom preċedenza fuqna.

**18.5.4** Is-Sur Joe Vella rrimarka fuq l-applikazzjoni għan-*Norwegian Funds* sabiex isir il-proġett fuq ir-Razzett ta' Ġnien Romeo Romano fejn kellu jsir survey mill-Misco u jekk dan sarx u jekk l-applikazzjoni gietx sottomessa?

Is-Sindku nfurmah li is-survey sar u kif ukoll thallas filwaqt li l-applikazzjoni għal imsemmija fondi kienet ġiet sottomessa.

F'dan l-istadju s-Sindku irrimarka fuq id-diskussjoni li saret fil-laqgħa tar-Regjun dwar l-applikazzjoni tal-Erasmus+ Sport Actions. Il-Viċi Sinku informa lill-membri li hu kien qiegħed jiddiskuti mas-Sur Kursten Dimech li hu responsabbli mis-sotto kumitat tal-isports u għaldaqstant jinforma lill-membri fil-laqgħa li jmiss. Hu żied jgħid li s'issa ma kienx hemm *deadline* għal din l-applikazzjoni minħabba li kienet ghada kemm ġiet diskussa fil-laqgħa tar-Regjun.

**18.5.5** Is-Sur Joe Vella qal li fl-aħħar ġimgħat ġie nnotat li kien hemm ħaddiema tal-kumpanija Ozo Group jagħmlu xogħol ta' knis fit-toroq tal-lokal u għaldaqstant talab informazzjoni rigward dan ix-xoghol, kif tqabdet din il-kumpanija u xi ħlas qed ikun hem.

Is-Sindku nfurmah li minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID 19 dawn il-ħaddiema ġew provduti minn kumpanija privata li għamel kuntatt magħha hu. Il-Kunsill Lokali mhux qiegħed iħallas għal dan is-servizz.

**18.5.6** Dott. Carabott staqsa lis-Sindku dwar il-laqgħa li kellha ssir mal-Avukat dwar il-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart u tal-knis

Is-Sindku nfurmah li qed nistennew appuntament mingħand l-Avukat sabiex niltaqgħu u jkun diskuss dan is-suġġett.

**18.5.7** Dott. Carabott talab lis-Sindku jekk hux qed isiru rapport mill-Kunsill lill-Pulizija dwar ir-rimi tal-iskart bl-addoċċ fi Triq il-Kanun ħdejn il-bring in site. Is-Sindku informa lill-

membri li l-Kunsill jirraporta dawn b'mod regolari apparti li qed jinġieb ukoll il-footage kull meta jkun hem bżonn.

**18.5.8** Is-Sur Silvio Vella tkellem fuq il-punt li fi Triq San Ġorġ k/m Triq il-Kanun qed jintrema skart fil-kantuniera. Is-Sindku qal li mis-CCTV intlemħu xi ndividwi jarmu *red handed* li iżda ma użawx vettura u għaldaqstant hija aktar diffiċli li dawn jinqabdu peress li ikunu jridu jiġu identifikati.

**18.6 Rapporti/Korrispondenza**

**18.6.1** Is-Sindku informa lill-membri sabiex il-Kunsill jipparteċipa fil-Jum Dinji Donaturi tad-Demm fejn trid tinxtegħel il-faċċata tal-Kunsill mill-1 sal-aħħar ta' Ġunju.

Il-membri qablu ma dak li kien qed jiġi suġġerit.

**18.6.2** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand l-AKL sabiex il-Kunsill joħloq spazju pedonali.

Wara analizi fuq l-immaniġġar tat-traffiku il-membri qablu unanimamnet li bħalissa din ma tistax issir iżda ma jiġix eskluż li jsir xi forma ta' studju.

**18.6.3** Is-Sindku rrimarka li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand is-Sur Mark Vella tal-*Power House Ltd* biex nippartecipaw fl-inizzjattiva "Light the sky Malata". Il-Kunsill jiddentifika sit storiku li għandu impatt sabiex b'mod teknoloġiku jinxtghel b'kuluri differenti. Is-Sindku żied jgħid li din l-inizjattiva ser tkun mingħajr ħlas.

Wara diskussjoni l-membri qablu unimament sabiex il-Kunsill jipparteċipa u s-sit identifikat kien dak tal-Ark ta' Wignacourt.

**18.6.4** Is-Sindku nforma lill-membri dwat il-proġett tal-*irrigation system* li huwa finanzjat mill-gvern. Is-Sindku qal li ircevejna żewġ kwotazzjonijiet, waħda mingħand Derek Garden Centre u oħra mingħand Piscopo Gardens. Evidenti li kien hemm differenza kbira bejn iż-żewġ kwotazzjonijiet. L-irħas kwotazzjoni kienet dik ta' Derek Garden Centre u għaldaqstant il-Kunsill Lokali ser jimxi ma dik il-kwotazzjoni fejn jiġi nvolut ukoll il-Contracts Manager.

**18.6.5** Is-Sindku informa li l-Contract Manager għamel ir-rapport t'April dwar il-knis u l-ġbir tal-iskart u reġa' ġew innutati diversi nuqqasijiet.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament sabiex hekk kif inhu stipulat fit-tender ikun hemm tnaqqis fil-pagament dovut.

**18.6.6** Is-Sindku informa lill-membri dwar korripondenza li l-Kunsill irċieva mingħand TCTC sabiex isiru korsijiet ta' taħriġ bażiku tal-kompjuter u tal-internet on-line. Wara diskussjoni l-membri qablu sabiex dan il-kors isir aktar 'il quddiem peress li sar wieħed ftit tax-xhur ilu.

**18.6.7** Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand is-Sur Joseph Galea ta' *Twist Media & Entertainment* dwar proposta li jixtiequ jressqu lill-Kunsilli Lokali. Din il-kumpanija ħarġet b'idea li waqt dan iż-żmien tal-COVID19 isir teatru fit-toroq sabiex

tkun tistà tferraħ lir-residenti tagħna minn ġewwa djarhom. Il-prezz huwa ta' €750 (VAT eskluża) għal sitt rappreżentazzjoniet f'lejla waħda, u €50 kull rappreżentazzjoni oħra miżjuda skond ix-xewqa tal-Kunsill.

Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li l-aħjar wieħed jitkellem mal-Pulizija minħabba l-permessi u jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni il-membri qablu li rrappreżentazzjonijiet issur f'dawn is-seba' toroq: Triq Dun Alfred Gatt, Triq il-Parilja, Triq Brunzar, Triq Carini, Triq Patri Franġisk Grech, Triq il-Kbira San Ġuzepp u Triq il-Karmelitani.

**18.7 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

**18.7.1 Proposta ta żvilupp estensiv**

Is-Sindku ddiskuta mal-membri l-iżvilupp tal-BOV PA2728/20. Huwa qal li informa lill-perit sabiex jara l-pjanti li kienu ġew sottomessi.

Wara diskussjoni l-membri qablu sabiex il-Kunsill jitkellem ukoll mal-Avukat sabiex b'hekk il-Kunsill ikun jista' jagħmel ir-rappreżentazzjoni tiegħu fuq dan il-proġett peress li jista jaffetwa bini skedat u diversi familji oħra li joqgħodu fl-akwati.

**18.7.2 Konfini Elettorali**

Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn is-Sur Vincent Vella talab lill-Kunsill sabiex fuq il-konfini ta' Trejqa tal-Fleur de Lys jikkomunika mall-Kunsill Lokali ta' B'Kara.

Wara diskussjoni l-membri qablu sabiex din il-materja tkun diskussa mal-avukat tal-Kunsill.

## 18.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa ma ġewx preżentati minuti tas-sotto-Kumitati.

## 18.9 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi u approvati.

Skeda ta' pagament: Proponent: Silvo Vella u Sekondant: Kursten Dimech
Petty Cash: Firmatarji – Silvio Vella u Kursten Dimech

## 18.10 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 190 sa 299.

| | |
|---|---|
| 190 | Ġiet deċiża fl-aħħar laqgħa |
| 193 | TM |
| 201 | Ħaddiema Assenjati |

| | |
|---|---|
| 207 | Contracts Manager |
| 208 | Works Order |
| 211 | TM |
| 213 | Bħal 208 |
| 217 | Contracts Maanger sabiex issir qasrija kbira |
| 220 | Hemm wieħed |
| 221 | Works Order |
| 224 | Bħal 201 |
| 225 | Grima & Sons Ltd |
| 235 | Micamed |
| 238 | Isir fej ser titpoġġa l-qasrija. Filfrattemp issir sketch tal-parking ta' dik l-akwata |
| 249 | Contracts Manager |
| 253 | Contracts Manager sabiex issir qasrija kbira |
| 264 | i. Kuntrattur tal-knis<br>ii. Sanita'<br>iii. Kuntrattur tal-knis<br>iv. Hemm tabella diga' |
| 266 | Infurzar |
| 268 | i. CCTV mhix propjeta tal-Kunsill<br>ii. Ġie suġġerit sabiex isir multi lingual poster |
| 275 | Ħaddiema Assenjati |
| 276 | Contracts Maanger |
| 278 | Grima & Sons Ltd |
| 281 | Issir vireg ħoxnin tal-ħadid – kwotazzjoni mingħand il-ħaddied |
| 283 | Work Order |
| 284 | Inġibu evidenza mingħand is-sid |
| 285 | Ħaddiema Assenjati |
| 286 | Isir rapport lill-Pulizija |
| 290 | Ma tistax issir |
| 292 | TM |
| 296 | Ma tistax issir |
| 298 | Grima & Sons Ltd |
| 299 | Mhix skont il-policies ta' TM |

## 18.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fid-9:30 pm u ġiet aġġornata għall-15 ta' Ġunju 2020, fis-6.30pm

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Konfermati, illum 15 ta' Ġunju, 2020